

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 18.2.2009
KUMM(2009) 86 finali

2007/0013 (COD)

L-OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont l-Artikolu 251 (2), it-tielet subparagrafu, il-punt (c) tat-Trattat tal-KE,
dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew
għall-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward
il-proposta għal**

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW
U TAL-KUNSILL**

DWAR L-IMPOSTI TAL-AJRUPORT

JEMENDA L-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI b'mod konformi ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE

L-OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**skont l-Artikolu 251 (2), it-tielet subparagrafu, il-punt (c tat-Trattat tal-KE,
dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew
għall-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward
il-proposta għal**

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

DWAR L-IMPOSTI TAL-AJRUPORT

1. DAĦLA

L-Artikolu 251(2), it-tielet subparagrafu, il-punt (ċ), tat-Trattat tal-KE jistipula li l-Kummissjoni għandha tressaq opinjoni dwar l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew fit-tieni qari. Il-Kummissjoni tagħti l-opinjoni tagħha hawn taħt dwar il-31 emenda proposti mill-Parlament.

2. L-ISFOND

Data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill 29 ta' Ġunju 2007
(id-dokument COM(2006)820 finali – 2007/0013COD):

Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: 26 ta' Settembru 2007

Data tal-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni: 10 ta' Ottubru 2007

Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: 15 ta' Jannar 2008

Data tal-adozzjoni tal-qbil politiku tal-Kunsill: 7 ta' April 2008

Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill: 23 ta' Ġunju 2008

Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, it-tieni qari: 23 ta' Ottubru 2008

3. L-GĦAN TAL-PROPOSTA

L-għan tal-proposta adottata mill-Kummissjoni fl-24 ta' Jannar 2007 huwa li tiffaċilita d-diskussjonijiet dwar l-imposti tal-ajruport bejn l-ajruporti u l-linji tal-ajru. Il-proposta tintroduċi xi regoli bażiċi dwar il-proċeduri tal-ġbir tal-imposti. Dawn ir-regoli huma bbażati fuq prinċipji ġeneralment aċċettati u li huma diġà approvati mill-Istati Membri fil-kunsill tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili. L-iskop tal-ewwel prinċipju huwa li jiżgura l-konsultazzjonijiet regolari bejn l-ajruporti u l-linji tal-ajru dwar l-imposti fejn iż-żewġ partijiet jistgħu jispejgaw u jiżviluppaw il-fehmiet tagħhom. L-għan huwa li jiżgura li l-

ajruporti jkunu kkonsultaw u infurmaw lil-linji tal-ajru qabel ma jiddeċiedu dwar l-imposti tal-ajruport. It-tieni prinċipju għandu x'jaqsam mat-trasparenza tal-elementi li jiffurmaw il-bażi tal-imposti tal-ajruport. Din l-informazzjoni se tiġi diskussa waqt il-konsultazzjonijiet regolari. Il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni bejn il-linji tal-ajru hija t-tielet prinċipju.

Il-proposta tissuġġerixxi wkoll l-istabbiliment ta' awtorità regolatorja indipendenti f'kull Stat Membru. Din l-awtorità għandha tissorvelja l-ġbir tal-imposti u tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva. L-awtorità konsegwentament se taġixxi meta tirċievi ilmenti dwar l-imposti tal-ajruport mill-partijiet.

4. L-OPINJONI TAL-KUMMISSJONI DWAR L-EMENDI MILL-PARLAMENT EWROPEW

4.1. Emendi aċċettati mill-Kummissjoni

- L-emendi 1, 4, 14, 8, 9, 10, 18 u 27 mill-Parlament Ewropew itejbu b'mod sinifikattiv iċ-ċarezza tat-test meta mqabbel mal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill.
- L-emendi 5, 6, 11, 12, 13, 16, 17, 20, 21, 22, 24, 25, 26, 28, 29, 30 u 31 huma viċin ħafna tal-proposta inizzjali tal-Kummissjoni dwar għadd ta' kwistjonijiet. Partikolarment il-limiti tal-isem u ż-żmien
- Il-Parlament Ewropew adotta wkoll żewġ emendi li jiċċaraw xi aspetti tal-finanzjament. L-emenda 7 tintroduċi rakkont li jiċċara li l-prefinanzjament tal-infrastruttura tal-ajruport għandu jkollu l-protezzjoni. L-emenda 15 tirrikjedi li l-ajruporti jipprovdu l-informazzjoni dwar kwalukwe finanzjament mill-awtoritajiet pubbliċi.
- L-emenda 19 tkompli ssaħħaħ il-prinċipju ta' kontra d-diskriminazzjoni.
- L-emenda 23 tiċċara li l-funzjonijiet tal-awtorità indipendenti tas-superviżjoni jistgħu jiġu ddelegati.
- L-emendi 2 u 3 ikomplu jiċċaraw ir-raġunijiet għaliex kien inkluż l-ikbar ajruport għal kull Stat Membru fl-ambitu tal-applikazzjoni tad-Direttiva.
- Il-Kummissjoni tista' għalhekk taċċetta l-emendi kollha.
- Barra minn hekk, l-emendi jikkonfermaw il-qbil bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill diġà baġhat ittra lill-Parlament li tapprova l-emendi mill-Parlament.

5. GHĒLUQ

Skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat tal-KE, il-Kummissjoni temenda l-proposta tagħha kif stipulat hawn fuq.